



Brussell, 16 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13264/24

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0186(COD)

CODEC 1786
AVIATION 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-11 ta' Ġunju 2013 u fit-22 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha¹, ibbażati fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjonijiet tiegħu fil-11 ta' Diċembru 2013 u fit-2 ta' Diċembru 2020².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2014³.

¹ 11501/13 + ADD 1 u 2; 10840/20 + ADD 1.

² ĠU C 170, 5.6.2014, p. 116 u ĠU C 56, 16.2.2021, p. 53.

³ 7382/14.

5. Fit-22 ta' Marzu 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi⁴, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fid-9 ta' April 2024, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ikkonferma l-qbil proviżorju, u sussegwentement il-President tiegħu bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjarat li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 8311/24 + COR 1, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 8311/24 ADD 1 + COR 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bl-astensjoni ta' Spanja;
 - japprova d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, kif tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addenda 1 u 2 ta' din in-nota.

⁴ 7618/24 + ADD 1 sa 3.